**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 36**

It-Tnejn, 24 ta’ Ottubru 2022

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fis-6.00 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**ATTENDENZA**

L-Onor. Rebekah Borg u l-Onor. Darren Carabott kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

L-Onor. Ryan Callus kien skużat.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 35 li saret fid-19 ta’ Ottubru 2022 kienu konfermati.

**RULING TAS-SEDJA**

L-Ispeaker ta *ruling* dwar it-talba magħmula mill-Onor. Rebekah Borg fis-Seduta 35 tad-19 ta’ Ottubru 2022 dwar it-tweġibiet li ngħataw għall-mistoqsijiet parlamentari bin-numri 2851 sa 2856.

**INFORMAZZJONI MIS SEDJA**

P.L. 705 Rapport dwar il-parteċipazzjoni ta’ delegazzjoni parlamentari mmexxija mis-Sedja u li kienet tinkludi lill-Onor. David Agius u l-Onor. Naomi Cachia għall-65 Konferenza Parlamentari tal-Commonwealth li ltaqgħet f’Halifax bejn l-20 u s-26 ta’ Awwissu 2022;

P.L. 706 Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8 li saret lis-Sedja mill-Onor. Glenn Bedingfield dwar pubblikazzjonijiet maħruġa mill-Uffiċċju tal-Ombudsman; ***(Ara dokument Nru. 783 li tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra f’Seduta 44 tat-Tnejn, 7 ta’ Novembru 2022)***

P.L. 707 Opinjoni Finali li s-Sedja rċeviet mill-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman datata 15 ta’ Settembru 2022 mibgħuta ai termini tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman flimkien ma’ korrispondenza oħra relevanti dwar il-każ CEP-22-2581;

P.L. 708 Opinjoni Finali li s-Sedja rċeviet mill-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman datata s-16 ta' Settembru 2022 mibgħuta *ai termini* tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman flimkien ma' korrispondenza oħra relevanti dwar il-każ CEP-22-2654;

P.L. 709 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Bollicine Limited vs Avukat tal-Istat et (Rikors 215/2021LM), deċiża fl-14 ta' Settembru 2022, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

P.L. 710 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Robert Borg et vs Avukat tal-Istat in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta (Rikors Numru 523/2021LM), deċiża fis-16 ta' Settembru 2022, mibgħuta lis-Sedja *a tenur* tal-Artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

P.L. 711 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Christine Borg et vs Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 14/2021LM), deċiża fit-23 ta' Settembru 2022, mibgħuta lis-Sedja *a tenur* tal-Artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u

P.L. 712 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Richard Zahra vs l-Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 644/2021LM), deċiża fit-23 ta' Settembru 2022, mibgħuta lis-Sedja *a tenur* tal Artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

## KUNSENS GĦALL-ATTI

L-Ispeaker informa lill-Kamra li l-Aġent President ta' Malta għoġbu jagħti l-kunsens tiegħu għal:

– **ATT XIII tal-2022 –** Att li jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u Liġijiet oħra dwar il-protezzjoni tal-konsumatur.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fis-6.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 1082 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 713 Dikjarazzjonijiet tal-Assi għas-sena 2021 magħmula skont il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari;

P.L. 714 Avviż Legali Nru 266 tal-2022 − Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Impjegati Stazzjonati f'Malta;

P.L. 715 Avviż Legali Nru 267 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 dwar Kondizzjonijiet tax-Xogħol Trasparenti u Prevedibbli; u

P.L. 716 Avviż Legali Nru 268 tal-2022 – Ordni tal-2022 tal-Kunsill tal-Pagi tal-Pjattaforma Diġitali għall-Konsenja.

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 717 Tagħrif dwar infiq fuq safar, mobiles u fuel miċ-chairpersons tal-bordijiet fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għas-Saħħa fil-perjodu bejn Jannar 2017 u Ottubru 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1183.

Il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, l-Onor. Aaron Farrugia, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 718 Avviż Legali Nru 263 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur;

P.L. 719 Avviż Legali Nru 264 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata;

P.L. 720 Avviż Legali Nru 265 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur; u

P.L. 721 Korrispondenza minn Infrastructure Malta lil IM Tendering Committee datata 20 ta' Lulju 2021 dwar Bdil ta' Key Experts; Korrispondenza minn EMDP Ltd lil Infrastructure Malta datata 22 ta' Ġunju 2021 dwar Bdil ta' Key Expert – Electrical Engineer, flimkien mas-CV tas-Sur Joseph Azzopardi u l-approvazzjoni ta' Infrastructure Malta fil-laqgħa tat-Tendering Committee li nżammet fis-27 ta' Lulju 2021 għall-bdil ta' Key Expert, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3114.

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, l-Onor. Miriam Dalli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 722 Kuntratt ta' Impjieg bejn Enemalta plc u d-Direttur Eżekuttiv tal-Finanzi tal-Enemalta, iffirmat fl-1 ta' Settembru 2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1798; u

P.L. 723 Tagħrif dwar l-ispiża f'reklamar fid-dekasteru li għalih hi responsabbli l-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża fis-snin bejn Jannar 2019 u Settembru 2022, maqsuma skont il-mezz tax-xandir, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 3149.

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 724 Avviż Legali Nru 260 tal-2022 – Ordni tal-2022 dwar Żona ta' Portomaso, Estensjoni II, San Ġiljan bħala Żona Speċjali Msemmija;

P.L. 725 Avviż Legali Nru 261 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 dwar Eżenzjoni mit-Taxxa u Xogħol ta' Statistika għall-Entitajiet Pubbliċi;

P.L. 726 Avviż Legali Nru 262 tal-2022 − Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema ta' Kumpens lid-Depożitant (Emenda Nru 2), u

P.L. 727 Tagħrif dwar ir-rikorsi (Kawżi Kostituzzjonali) kontra l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) fis-snin bejn l-2020 u l-2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2804.

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 728 Informazzjoni dwar persuni impjegati fl-Università ta' Malta li huma relatati b'affinità jew konsangwinament mar-Rettur, il-Professu Alfred J. Vella, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1794; u

P.L. 729 Tabella li turi informazzjoni dwar studju/proġetti ta' riċerka li l-Gvern ikkummissjona lill-Università ta' Malta maqsuma skont id-data ta' pubblikazzjoni u l-ammont tal-kummissjoni mħallsa fil-perjodu bejn Ottubru 2021 u Settembru 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3146.

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 730 Tagħrif dwar ftehim li ġew iffirmati għal proġetti fil-Mellieħa, in-Naxxar u San Pawl il-Baħar fis-snin bejn l-2018 u l-2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3105.

Il-Ministru għall-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 731 Screenshot tal-website www.activeaging.gov.mt dwar servizzi kliniċi fil-komunità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3285.

## KUMITATI PERMANENTI

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa ta' nhar il-Ġimgħa 21 ta' Ottubru 2022 tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra, l-Onor. Paula Mifsud Bonnici ssostitwixxiet lill-Onor. David Agius.

## MOZZJONIJIET

### 76. MOZZJONI BIEX IL-KAMRA TMUR F'KUMITAT TA' PROVVISTA GĦALL-KONSIDERAZZJONI TAL-ESTIMI ĠENERALI TA' SPIŻA GĦAS-SENA 2023

Skont il-ftehim milħuq fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra, l-Ispeaker stieden lill-impjegati tal-Public Broadcasting Services (PBS) jidħlu fil-Kamra sabiex jittrasmettu b'mod dirett fuq it-televiżjoni d-diskors tal-Baġit.

Ukoll skont l-istess ftehim fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra, il-media u d-Dipartment tal-Informazzjoni, ingħataw permess sabiex jiġbdu ritratti u filmati għal ftit minuti.

L-impjegati tal-PBS daħlu fil-Kamra u bdew jaqdu d-dmirijiet tagħhom.

Kopji tad-Diskors tal-Baġit 2023, id-*Draft Financial Estimates 2023* u l-*Economic Survey 2022* tqassmu lill-Onorevoli Membri.

Fis-6.34 p.m. is-seduta bdiet tixxandar dirett mill-PBS.

Skont il-Mozzjoni 75 tat-12 ta’ Ottubru 2022 id-diskors kollu tal-Baġit kien eżenti mil-limitu ta’ ħin għad-diskorsi (OP 49) u mill-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol (OP 9).

L-Ispeaker qara lill-Kamra dan il-Messaġġ mingħand il-President ta’ Malta li ġie mgħoddi lilu mill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana:

**GEORGE VELLA**
**PRESIDENT**

> Il-President jirrakkomanda lill-Kamra tad-Deputati n-nefqa mill-Fond Konsolidat ta’ somma ta’ mhux aktar minn ħames biljuni, seba’ mija u sitta u sebgħin miljun, disa’ mija u disa’ u tletin elf u mija u wieħed u sittin Euro (€5,776,939,161) kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali għas-sena 2023.
>
> Il-President jirrakkomanda wkoll l-Att ta’ Approprjazzjoni meħtieġ.
>
> 24 ta’ Ottubru 2022

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol ippropona:

Illi l-Kamra tmur f'Kumitat ta’ Provvista għall-konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali ta’ Spiża għas-sena 2023.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, issekonda.

Dawn li ġejjin kienu meħuda bħala moqrija u kellhom ikunu ppubblikati fid-dibattiti tal-Kamra:

| | | |
|---|---|---|
| Tabella 4.1 | - | Żieda fit-Tax Refund; |
| Tabella A.1 | - | Il-Qagħda Fiskali 2021-2025; |
| Tabella A.2 | - | Il-Bilanċ tad-Dejn tal-Gvern |
| Tabella A.3 | | Il-Qagħda Fiskali 2021-2022 |
| STATEMENT A | - | Dħul 2022: Estimu Rivedut imqabbel mal-Estimu Approvat; |
| STATEMENT B | - | Nefqa Rikorrenti 2022: Estimu rivedut imqabbel mal-Estimu Approvat; u |
| STATEMENT Ċ | - | Nefqa Kapitali 2022: Estimu rivedut imqabbel mal-Estimu Approvat. |

Fid-9.16 p.m. il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol temm jaqra d-Dikjarazzjoni Finanzjarja.

L-Ispeaker irringrazzja lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol għad-diskors tiegħu u rringrazzja wkoll lill-impjegati tal-PBS u talabhom jirtiraw.

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 732 Diskors tal-*Budget* 2023;

P.L. 733 *Financial Estimates (Draft) 2023*;

P.L. 734 *Economic Survey 2022*;

P.L. 735 Proklama Nru X tal-2022 dwar l-Abbozz ta' Liġi biex jimplimenta diversi miżuri tal-Estimi Finanzjarji għall-2023 u miżuri amministrattivi oħra;

P.L. 736 *Draft* ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jimplimenta Miżuri tal-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2023 u miżuri amministrattivi oħra"; u

P.L. 737 Stqarrija mill-Prim Ministru u mill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol skont l-artikolu 17(1) tal-Att dwar ir-Responsabilità Fiskali, Kap. 534, datata 24 ta' Ottubru 2022.

## 78. ABBOZZ TA' LIĠI BIEX JIMPLIMENTA MIŻURI TAL-ESTIMI

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex jimplimenta Miżuri tal-Estimi Finanzjarji għall-2023 u Miżuri amministrattivi oħra".

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi nqara l-ewwel darba.

## AĠĠORNAMENT

Fid-9.17 p.m. is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tlieta, 25 ta' Ottubru 2022 fl-4.00 p.m., b'din l-aġenda:

**Mozzjonijiet**

L-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali

L-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi tal-Kummerċ | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi ta' Qabel l-Insolvenza | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi dwar il-Prattikanti fl-Insolvenza | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar it-Tiġdid ta’ Kiri ta’ Raba’ | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar id-Dħul ta’ Malta bħala Membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att kontra Money Laundering | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi dwar it-Twaqqif ta’ Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta’ Miżuri għall-Ħarsien ta’ Ġurnalisti, Persuni oħra b’irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta’ Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi dawr il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |

---

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas Sajd | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar l-Esplożivi u l-liġijiet varji dwar il-Protezzjoni Ċivili | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa | Kumitat Permanenti |

Fid-9.19 p.m., l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għat-Tlieta, 25 ta’ Ottubru 2022 fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**